# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-22 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 39/2022 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**EB**

**Vs**

**MB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' EB datat 21 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu KB f'X u LB f'Y, li illum huma adulti li ma jaqghux aktar taht il-kura u kustodja tal-genituri taghhom;*

3. *Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba ragunijiet fil-ligi li taw lok ghas-separazzjoni personali bejniethom. Fil-fatt il-partijiet isseparaw nhar it-tieni (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hekk kif jidher fil-kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall, liema kuntratt gie insinwat fil-hams (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';*

4. *Illi permezz ta' att notarili li tinsab fl-atti notarili tan-Nutar Dr Marco Buttigieg u datata nhar l-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C', ir-rikorrenti biddlet il-generu kif kien jidher fuq ic-certifikat tat-twelid minn maskili ghal femminili u bidlet ukoll l-isem assenjat mat-twelid minn A ghal E u dan fit-termini tal-Att dwar l-Identita' tal-Generu, l-Espressjoni tal-Generu u l-Karatteristici tas-Sess (Kap 540 tal-Ligijiet ta' Malta), liema bidla giet reza effettiva permezz ta' registrazzjoni fir-Registru Pubbliki;*

5. *Illi m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan l-istadju, la favur l-ulied u l-anqas favur l-intimata;*

6. *Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Art 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*i) Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*
*ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiert biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MB datata 7 ta' April 2022, a fol 20, li taqra hekk:

1. *L-esponenti qieghda taqbel illi l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha tal-attur EB u tippronunzja d-divorzju kif mitlub, skont dak illi jipprovdi l-artikolu 66B et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Maltin.*

2. *L-esponenti b'danakollu m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.*

Rat illi nhar il-25 ta' Mejju il-Qorti giet infurmata illi kien hemm xi pendenzi ta' manteniment, liema pendenzi gew imhallsa. Di piu' il-partijiet kif assistiti ddikjaraw seduta stante li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 25);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EB xehdet** (vide affidavit fol 15) illi l-kontendenti zzewgu nhar il- 21 ta' Ottubru 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggiorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall. Di piu' xehdet illi kienet biddlet il-generu taghha u dan gie rifless fic-certifikat tat-twelid taghha fis-sens li minn maskil jidher femminil, u minn isem A, ghandha l-isem ta' E. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**MB xehdet** (vide affidavit fol 23) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet ir-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew***

***miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Ottubru 2004, liema zwieg jgib certifikat numru 1886/1995 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg itfal, illum maggorenni.

Di piu' ir-rikorrenti iddikjarat illi kienet biddlet il-generu taghha u dan gie rifless fic-certifikat tat-twelid taghha fis-sens li minn maskil jidher femminil, u minn isem A, ghandha l-isem ta' E.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall nhar it-2 ta' Marzu 2010 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1886/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**